TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 04

L-Erbgha, 2 t'Ottubru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti informa li kien indispost u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 03 li saret nhar l-Erbgha, 4 ta' Settembru, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Tanti li informa li kien indispost.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Project Green***: Dwar il-progett tal-bandli minn Project Green, se tinstab gurnata fejn isir meeting bejn iz-zewg partijiet sabiex iigi spjegat il-progett.

Il-Kunsillier Grech talab biex sadanittant titwahhal tabella biex ma jidhlux klieb fil-playingfield.

*3.2* ***Jum Tal-Pieta`***: Is-Sindku qal li l-kuncert kien sar izda stenna aktar attendenza min-naha tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Grech qal li l-attendenza kienet fqira hafna u staqsa jekk hux worth it li dan jibqa jsir.

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*5.1* ***Toroq minn Infrastructure Malta***: Is-Sindku informa li l-Kunsill irid jibghat lista ta' toroq lil IM sabiex isiru matul is-sena 2025. Il-Kunsill qabel fuq dawn it-toroq:

1. Triq Qrejten Bejn Triq J. Borg u Triq ix-Xatt. Din ser tkun priorita` sabiex isiru rain water catchments minhabba l-ammont kbir ta' ilma li jinzel minn din it-triq meta taghmel ix-xita. Ammont ta' ilma li gieli kkawza hsarat lir-residenti u hwienet f'din it-triq.

2. Triq Clarence

3. Triq San Lawrenz

4. Triq Alfred Craig

5. N/S fi Triq Pietru Xuereb

*5.2* ***Vjal Kulhadd***: Is-Sindku informa li Vjal Kulhadd hija skema minn IM bl-ghan principali huwa sabiex tigi introdotta infrastruttura ghal trasport alternattiv bhal bike lane ghar-roti kif ukoll jigu introdotti sigar, arbuxelli etc fit-toroq. Huwa qal li bhala progett haseb fi Triq San Luqa mill-Cathedral Opticians sa Pjazza San Luqa. Il-hsieb huwa li Triq San Luqa issir 2 lanes, isiru planters, bike lane u pavimentar gdid ghal bankini.

Il-Kunsillier Fitzpatrick qal li ghandna noqghodu attenti li ma tidjieqx it triq minhabba li jghaddu l-ambulanzi ghall-isptar San Luqa.

Il-Kunsillier Grech qal ukoll li noqghodu attenti li ma tidjieqx it-triq u li l-manutenzjoni tal-pjanti u l-arbuxelli tibqa' ghaddejja.

Is-Sindku qal li hu kien tkellem ukoll ma' rapprezentant mill-NGO Rota u kienu huma li pproponew il-bike lane u bankina li tkompli meta tigi ghal side street, fuq kuncett ta' slow streets.

Wara d-diskussjoni li saret kien hemm qbil li jigi propost li jsiru planters fuq naha wahda biss, in-naha tal-PBS, pavimentar fuq iz-zewg nahat u tghola t-triq fis-side streets sabiex iservi ta' traffic calming measure.

*5.3* ***Van tal-Kunsill***: Is-Sindku qal li l-battery tal-van tal-Kunsill naqset mill-efficjenza taghha u qed ikun hemm kazi fejn lin-nies ma jkunux jistghu jingiebu lura minfejn twasslu. Ghalhekk issugerixxa li nitkellmu mal-Active Ageing ghal van iehor jew battery gdida.

*5.3* ***Inawgurazzjoni Apside***: Is-Sindku informa li ghall-inawgurazzjoni tal-Apside Centrali tas-Santwarju Parrokjali, il-Kunsillieri huma mistiedna bil-guest.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Grech qal li qed jinhareg skart bl-addocc fi Triq San Guzepp faccata ta' Triq Edgar Ferro.

*6.2* Il-Kunsillier Grech qal li parkegg riservat ghal persuni b'dizabilita` kien tnehha minn Triq Zammit Clapp minhabba li ma kienx ghad ghandu uzu. Ippropona li dan il-parkegg flimkien mat-2 l-ohra li jinsabu f'din it-triq isiru hodor. Kien hemm qbil li ssir talba lil TM dwar dan.

*6.3`* Il-Kunsillier Grech ppropna li jsiru zewg sleeping policemen fi Triq San Guzepp, wahda qabel Triq Edgar Ferro u ohra qabel Triq K. Mifsud. Is-Sindku wiegeb li ma' din il-proposta trid tingieb petizzjoni bil-firem ta' l-ghaxar residenzi l-aktar fil-qrib ta' fejn qed jigi propost li dawn isiru.

*6.4* Il-Kunsillier Grech staqsa dwar il-parkegg ta' karozzi fl-isqaq ta' hdejn il-ground u li sostna li huma bla permess. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li jitnehhew ghax tizdied il-problema tal-parking ghan-nies tal-akwata u qatt ma kien ircieva lmenti rigward dan. Qal ukoll li innota li fil-post imsemmi jipparkjaw karozzi differenti u dan ikkonfermah il-Vici Sindku. Il-Kunsillier Grech qal li hadd mhu 'il fuq mil-ligi. Il-Vici Sindku staqsa x'se

jkun qed jigwadanja l-Kunsill jekk jonqsu zewg parkings u sostna li hu ma kienx jaqbel li jitnehhew.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 03. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 6 ta' Novembru, 2024, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku